MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Talba Numru. 1997/2002

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha George Zammit**

**vs**

**Carmel Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 t'Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tnax-il lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm1312.34) rapprezentanti danni li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici abbazi ta' polza mahruga a favur ta' George Zammit wara l-incident stradali fil-post u data ndikati, bejn vettura GAM 547 proprjeta' ta' u misjuqa minn George Zammit u vettura CTY 076 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2001 u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment fil-konfront ta' Hayes Insurance Agency Limited ghal finijiet tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Sema' x-xhieda ta' Mark Axiaq u ta' George Zammit . Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**Illi dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fis-6 ta' Jannar 2001 fix-Xatt ta' l-Imsida bejn il-vettura numru GAM 547 misjuqa mill-attur u l-vettura CTY 076 misjuqa mill-konvenut.**

**Jirrizulta li waqt li l-attur kien qed isuq lejn Valley Road, il-konvenut kien miexi magembu meta l-istess konvenut kiser lejn ix-xellug, dahal gol-vettura ta' l-attur u bl-impatt il-vettura ta' l-attur spiccat fuq is-*centrestrip.* Jirrizulta illi d-daqqa ta' l-attur kienet principalment fuq in-naha kollha tal-gemb tal-lemin.**

**Ghalhekk jidher illi l-incident gara tort tal-konvenut li f'salt qabad u kiser ghal fuq l-attur. Id-danni reklamati huma dawk indikati fl-avviz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici inkwantu l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident li sehh, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf tlett mija u tnax-il lira Maltija u erba' u tletin centezmu (Lm1312.34).**

**Bl-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Novembru 2001 u kif ukoll ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment fil-konfront ta' Hayes Insurance Agency Ltd ghal finijiet tal-Kap 104**

**tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut .**

--------------------------------TMIEM--------------------------------